19 ta' Mejju, 1952.

Imħallef:

L-Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.

Il-Qorti *versus* Carmelo Formosa

**Alimenti — Żwieġ — Nullità — Domiċilju — Tfal — Paternità Illeġittima.**

*Biex jista' jingħad li persuna biddlet id-domiċilju ta' l-oriġini tagħha mhux biżżejjed il-qagħad twil f'pajjiż barrani għal motivi ta' kummerċ jew ta' xogħol, anki jekk tkun ħadet magħha l-familja; imma jeħtieġ li jirriżulta bi provi preċiżi u konkludenti li hija ma kellhiex ebda intenzjoni li tirritorna.*

*Il-liġi li tiggoverna l-forma taċ-ċelebrazzjoni taż-żwieġ ta' malti domiċiljat f'Malta hija l-Liġi Kanonika; u għalhekk mhux validu ebda żwieġ tiegħu ċelebrat fi kwalunkwe forma oħra li mhix dik stabbilita mil-Liġi Kanonika.*

*Għaldaqstant l-Ordni ta' Qorti Ingliża li biha dak il-malti ġie kundannat iħallas l-alimenti lill-mara li huwa żżewweġ fl-Ingilterra mhux bil-forma preskritta mil-Liġi Kanonika ma għandux jiġi konfermat mill-Qrati Tagħna, minħabba li hemm in-nullità taż-żwieġ.*

*Ukoll, it-tfal li jitwieldu minn dak iż-żwieġ għandhom jiġu kunsidrati bħala tfal illeġittimi. Imma bħala tfal illeġittimi huma għandhom id-dritt li jitolbu l-manteniment minn għand missierhom, għalkemm taħt ċerti kondizzjonijiet, jekk huwa jirrikonoxxi li huma wliedu.*

*Dan ir-rikonoxximent, biex ikun validu, irid ikun magħmul biss, jew fl-att tat-twelid, jew f'att ieħor publiku; u kwalunkwe rikonoxximent ieħor magħmul xort'oħra ma jiswiex għall-finijiet tal-manteniment.*

*Bħala konsegwenza ta' dan ir-rikonoxximent huwa obligat li jmantni u jeduka lit-tifel minnu rikonoxxut, għad li l-istess manteniment għandu jkun skond il-kondizzjoni ta' l-omm, fil-każ ta' bżonn, u sakemm ma jkollux lil martu jew dixxendenti li jistgħu jagħtuh dak il-manteniment, u sakemm l-istess tifel ma jirrifjutax, mingħajr raġuni tajba, li joqgħod għat-treġija ta' missieru għal dak li hu mġieba u edukazzjoni, jew ma jkunx irid joqgħod fid-dar li huwa għażillu, u sakemm ma jkunx hemm xi raġuni oħra li għaliha huwa jista' jiċħadlu l-manteniment skond il-liġi.*

Il-Qorti, — Rat l-att taċ-ċitazzjoni, li bih Carmelo Formosa ġie mħarrek biex jidher quddiem dina l-Qorti, biex igħid għaliex din il-Qorti ma għandhiex tikkonferma l-Ordni mogħti mill-Court of Summary Jurisdiction li żżomm seduta fil-Justice Room Chester-le-Street, Durham, fil-5 ta' Diċembru 1951, fuq it-talba ta' Isabella Formosa, li bih, wara li ddikjarat ruħha soddisfatta illi kien veru l-ilment ta' l-istess rikorrenti fis-sens li l-imsemmi Carmelo Formosa, li hu żewġ ir-rikorrenti, abbandunaha u naqas milli jissomministralha manteniment xieraq għaliha u għat-tfal minuri Maria u Frederick Charles, ikkundannat lill-konvenut Carmelo Formosa jħallas lir-rikorrenti, għaliha, is-somma ta £1. 10. 0 fil-ġimgħa, kif ukoll is-somma ta' 7s. 6d. kull wieħed għaż-żewġt itfal fuq imsemmija Maria u Fredrick Charles, sakemm dawn jagħalqu s-sittax-il sena;

*Omissis;*

**Ikkunsidrat;**

Illi waħda mir-raġunijiet li għalihom l-Ordni mogħti mill-Court of Summary Jurisdiction tal-County ta' Durham seta' jkun oppost mill-konvenut, kieku huwa ġie notifikat bit-talba ta' Isabella Formosa u kien deher fit-trattazzjoni ta' dik it-talba, kienet tkun dik li bejnu u bejn ir-rikorrenti ma kienx hemm żwieġ validu;

Illi mix-xhieda tal-konvenut jirriżulta ċar li huwa jopponi l-konferma ta' dak l-Ordni għar-raġuni fuq imsemmija, jiġifieri illi ż-żwieġ tiegħu mar-rikorrenti Isabella Formosa, neé Gray, mhuwiex validu, billi kien ċelebrat biss fir-Register Office tal-County of Durham, u mhux ukoll fil-forma meħtieġa mil-liġi tiegħu nazzjonali;

**Ikkunsidrat;**

Illi ma jirriżultax b'mod soddisfaċenti li meta l-konvenut telaq minn Malta għall-Ingilterra huwa ma kellux ħsieb li jerġa' jiġi lura Malta, u hekk ma jistax jingħad b'mod ċert li l-konvenut tilef id-domiċilju tiegħu ta' Malta u akkwista dak ta' l-Ingilterra; billi hu magħruf li, biex jista' jingħad li persuna tkun biddlet id-domiċilju ta' l-oriġini tagħha, mhux biżżejjed il-qagħad twil f'pajjiż barrani għaliha għal motivi ta' kummerċ jew ta' xogħol, anki jekk tkun ħadet magħha l-familja, imma jeħtieġ li jirriżulta bi provi preċiżi u kon-

kludenti li hija ma kellha ebda intenzjoni li tirritorna (Kollez. Vol. XXVI—I—1). Għalhekk il-konvenut ma jistax jingħad li huwa biddel id-domiċilju tiegħu ta' l-oriġini — dak ta' Malta; u għalhekk ukoll, il-liġi nazzjonali tiegħu hija dik ta' Malta. Il-konvenut jappartjeni wkoll lir-Reliġjon Kattolika Apostolika Rumana;

Illi skond il-liġi nazzjonali tal-konvenut, illi, kif ingħad, hija dik ta' Malta, li hija l-liġi li tiggoverna l-forma taċ-ċelebrazzjoni taż-żwieġ tiegħu, il-forma taċ-ċelebrazzjoni taż-żwieġ hija dik stabbilita mil-Liġi Kanonika, jiġifieri "coram parocho, vel *loci Ordinario, vel sacerdote ab* alterutro delegato, et duobus saltem testibus" (Codex Juris Canonici, Can. 1094); u mhux validu ebda żwieġ ieħor ċelebrat fi kwalunkwe forma oħra li mhijiex dik stabbilita mil-Liġi Kanonika;

Illi ġie stabbilit mill-provi li ż-żwieġ bejn il-konvenut u Isabella Gray ma ġiex ċelebrat fil-forma stabbilita mil-Liġi Kanonika, imma ġie biss ċelebrat fir-Register Office fuq imsemmi. Konsegwentement dak iż-żwieġ mhuwiex validu, u l-Ordni mogħti mill-Qorti ta' Durham, in kwantu jirrigwarda l-manteniment tar-r*ikorrenti Isabella Formosa neé Gray, ma* għandux jiġi konfermat;

**Ikkunsidrat;**

Illi t-talba ta' Isabella Formosa quddiem il-Qorti ta' Durham tinsab magħmula għall-manteniment tagħha u taż-żewġt itfal Maria u Fredrick Charles; u għalhekk għandu jiftiehem li dawn iż-żewġt itfal stess qegħdin jitolbu per mezz ta' ommhom, billi huma minuri, il-manteniment tagħhom minn għand il-konvenut. Minħabba l-invalidità taż-żwieġ *bejn il-konvenut u Isabella Gray, kif fuq imsemmi, Maria u* Fredrick Charles għandhom jiġu kunsidrati bħala tfal illeġittimi tal-konvenut. B'dana kollu huma għandhom id-dritt jitolbu, u li jkollhom, manteniment minn għand missierhom, għad li taħt ċerti kondizzjonijiet, jekk il-konvenut jirrikonoxxi li huma wliedu. Imma dan ir-rikonoxximent, biex ikun validu, irid ikun magħmul biss, jew fl-att tat-twelid, jew f'att ieħor publiku; u kwalunkwe rikonoxximent magħmul xorta oħra ma jiswiex għall-finijiet tal-għoti tal-manteniment;

*Fil-każ taħt eżami, b'*konsegwenza *ta' dak li ntqal, u* skond il-provi, għandu jiġi ritenut illi l-konvenut irrikonoxxa

u għadt jirrikonoxxi bħala ibnu illeġittimu lit-tifel Fredrick Charles biss, u mhux ukoll lit-tifla *Maria*. Hu veru li fix-xhieda *tiegħu l-konvenut qal li miż-żwieġ bejnu u bejn ir-rikorrenti huma kellhom żewġt itfal*, u hekk jidher *li* huwa *rrikonoxxa li hu missierhom*; imma dik id-dikjarazzjoni, skond il-liġi, waqt li tista' tkun tiswa għal xi finijiet oħra, ma tiswiex għall-finijiet biex *il-konvenut* jagħti l-manteniment; għaliex ma ġietx magħmula fl-att tat-twelid jew b'att pubbliku. Għalhekk, b'dik id-dikjarazzjoni magħmula fix-xhieda *tiegħu, il-konvenut ma rrikonoxxa* ebda wieħed minn dawk it-tfal bħala wliedu;

*Imma* l-konvenut għandu jiġi kunsidrat bħala missier naturali tat-tifel Fredrick Charles; għaliex mill-att tat-twelid ta' dan it-tifel (*fol.* 16 tal-process), mill-kontenut tal-kolonna numru 7, taħt l-intestatura "Signature, Description and Residence of Informant" ta' dak l-att, jidher evidenti li huwa rrikonoxxa f'dak l-att li hu missier it-tifel Fredrick Charles. Veru li f'dak l-att ma hemmx dikjarazzjoni espressa li l-konvenut *qiegħed jirrikonoxxi lil dak it-tifel*; imma ċ-ċirkustanzi li fl-istess att jingħad li huwa għarraf lill-uffiċjal inkarigat *bit-twelid ta'* dak it-tifel, u ffirma dak l-att bil-kwalifika ta' missier l-istess tifel, għandhom jiġu kunsidrati bħala ekwivalenti għal dikjarazzjoni espressa ta' paternità;

L-istess ħaġa ma tistax tingħad għar-rigward ta' l-att tat-twelid tat-tifla Maria; billi fih ma tidher ebda partikularità, mhux biss ta' dikjarazzjoni tal-konvenut, espressa jew impliċita, li hu missierha, imma lanqas xi partikularitajiet *oħra* b'riferenza għalih jew għal xi ħadd ieħor. Is-sempliċi kunjom "Formosa" ma jfisser xejn; kif lanqas kien ikun ifisser kieku kien hemm il-partikularitajiet kollha tal-konvenut, sakemm ma kienx ikun hemm id-dikjarazzjoni tal-konvenut illi huwa kien il-missier ta' *dik it-tifla*;

Għalhekk l-Ordni mogħti mill-Qorti ta' Durham in kwantu jrrigwarda l-manteniment ta' Maria, *it-tifla* tar-rikorrenti, lanqas *ma għandu jiġi konfermat*;

Ikkunsidrat;

*Illi, kif* intqal, il-konvenut irrikonoxxa illi huwa l-missier naturali tat-tifel Fredrick Charles, imsemmi fl-att taċ-ċitazzjoni; u minħabba dak ir-rikonoxximent il-konvenut huwa

obligat li jmantni u jeduka lil dan it-tifel, għad li l-istess mantenniment għandu jkun skond il-kondizzjoni ta' omm l-istess tifel, fil-każ ta' bżonn, sakemm ma jkollux lil martu jew dixxendenti li jistgħu jagħtuh dan il-manteniment, sakemm l-istess tifel ma jirrifjutax, mingħajr raġuni tajba, li joqgħod għat-tregija ta' missieru għal dik li hija mġieba u edukazzjoni, jew ma jkunx irid joqgħod fid-dar li huwa jkun għażillu, u sakemm ma jkunx hemm xi raġuni oħra li għaliha l-konvenut jista' jiċħadlu l-manteniment skond il-liġi;

Illi mill-kumpless tal-provi ma jistax jingħad li t-tifel Fredrick Charles mhuwiex fil-bżonn. Mhijiex preċiżament magħrufa l-kondizzjoni tar-rikorrenti; imma fiċ-ċirkustanzi tal-każ is-somma ta' 7s. 6d. fil-ġimgħa, assenjata mill-Qorti fuq imsemmija għall-manteniment ta' dak it-tifel, tidher ekwa u raġjonevoli. Il-konvenut ma semma xejn li huwa jrid jieħu taħt *it-tregija tiegħu lill-istess tifel*, jew li *jrid* iqiegħdu f'xi post destinat minnu;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċidi billi tirriforma l-Ordni mogħti fil-5 ta' Diċembru 1951, mill-"Court of Summary Jurisdiction" sedenti fil-Justice Room, Chester-le-Street, Durham, billi tirrevokah in kwantu *li bih il-konvenut ġie kundannat li jħallas £1. 10. 0* fil-ġimgħa u 7s. 6d. fil-ġimgħa għall-manteniment rispettiv ta' Isabella Formosa neé Gray u ta' Maria, it-tifla ta' din, u tikkonfermah in kwantu li bih il-konvenut ġie kundannat li jħallas 7s. 6d. fil-ġimgħa għall-manteniment tat-tifel Fredrick Charles fuq imsemmi; mingħajr preġudizzju ta' kull dritt lill-konvenut, li huwa *jista' jġib* 'il quddiem b'azzjoni analoga, għar-revoka jew riforma ta' dan l-Ordni għall-manteniment ta' dan it-tifel, jekk tkun tirrikorri xi waħda mir-raġunijiet fuq imsemmija, jew għal xi raġuni oħra valida fil-liġi;

L-ispejjeż tal-proċeduri quddiem dina l-Qorti jħallashom il-konvenut.

---